FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOĊAL ĊOUNĊIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

27 t'Ottubru 2015

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat- disa` (09)laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah id-Disa (09) Laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgħa 25 t' Novembru 2015 fil-5.00pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart tas-Sena
10. Aġġudikazzjoni t' Offerti
11. Kampanja "Qalb Furjaniza, Qalb Hanina"
12. Traffiku u parkeġġ
13. Gonna u soft areas
14. St Patrick's Day
15. Aġġornament tal-Laqgħa

Għad-Disa` (09) laqgħa tas-Seba' Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Davina Sammut Hili, Il-Kunsillier Matthew Paris, Il-Kunsillier James Aaron Ellul u l-Kunsillier Vinċent Borg flimkien mal-Agent Segretarju Eżekuttiv S Flores.**

**L-Ambaxxatriċi Lokali għaz-Zgħazagħ Miċhaela Farrugia ma kinitx preżenti.**

**Bidu tal-laqgħa:**
Il-laqgħa nfetħet permezz ta' talba zgħira mis-Sindku Davina Sammut Hili u l-membri preżenti.

Qabel ma beda ix-xogħol tal-Aġenda, is-Sindku Davina Sammut Hili għamlet referenza għar-riżenja tas-Sur Ivan Hallett, li kien jokkupa il-kariga ta' Viċi Sindku, mill-Kunsill,. Hija irrangrazjat lis-Sur Hallett tal-kontribut li ta fil-Kunsill. Il-membri preżenti ingħaqdu mas-Sindku.

## Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tmien (08) laqgħa tal-Kunsill ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Vince Borg ressaq korrezjoni fuq il-materja 7.2 u talab li titneħħa il-kelma "Borg". Il-Kunsill qabel nem con.

1.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul ressaq korrezjoni fuq materja 15.1 u talab li l-kliem "Il-Viċi Sindku Ivan Hallett" jiġi sostitwit bil-kliem "Il-Kunsillier James Aaron Ellu". Il-Kunsill qabel nem con.

1.4. Il-minuti msemmija f'1.1 ġew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vince Borg u ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul. Konsegwentament ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores.

## 1.0 Punti imqajjma mill-minuti

1.1 Il-Kunsillier Vinċe Borg għamel riferenza għall-materja numru 2.5 u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi.

1.1.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li sar kuntatt mas-Sur Mark Anthony Mifsud mis-Sovrantendenza tal-Wirt Kulturali minħabba li jidher li l-*file* tal-applikazzjoni tal-Kunsill raqad għandu. Il-kuntatt sar sabiex ikun diskuss il-fatt, li m'għandux ikun hemm telf ta' żmien bla bżonn.

1.1.2 Is-Sindku infurmat ukoll li sar kuntatt mal-Perit responsabbli mill-proġett, is-Sur Christopher Mintoff li irrakkomanda li nkomplu bix-xogħol.

1.1.3 Is-Sindku żiedet tgħid iżda li jekk dan isir, il-Kunsill jista jeħel il-multi relevanti mill-MEPA, u għaldaqstant, dan ma kienx ikun pass għaqli. Il-Kunsill qabel, li x-xogħol m'għandux jitkompla.

1.1.4 Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li hemm kwistjoni ta' saħħa u sigurta, u għaldaqstant talab li jittieħdu iktar prekawzjonijiet. Il-Kunsill qabel

1.1.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili żiedet tgħid li l-pass li kien imiss kien li il-Kunsill jikteb lill-Ministru Onor. Owen Bonnici, kif filfatt sar. Il-Kunsill qabel li għandha titbagħat kopja tal-korrispondenza lil-Ministru responsabbli mill-Qasam Socjali, l-Onor. Michael Farrugia, kif ukoll lill-Ministru responsabbli mill-Mepa, Onorevali Michael Falzon.

1.1.6 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li waqt il-komunikazzjoni li kellha mas-Sur Mark Anthony Mifsud, irrimarkatlu li d-dipartiment in kwistjoni waqqaf lill-Kunsill milli jkompli ix-xogħolijiet tiegħu, iżda ma użax l-istess riga mal-Forzi Armati ta' Malta meta bnew il-bini f'Xatt it-Tiben.

1.1.7 Il-Kunsillier Matthew Paris żied, li mhux l-istess ġara fl-isfreġju li sar fil-proġett tad-dwal li sar f'Kastilja. Hemmhekk is-Sovraintendenza tkellmu, iżda fil-proġett ta AFM ma tkellmux l-istess. Huwa żied jgħid li dan juri biċ-ċar li ma jintuzax l-istess kejl ma kullħadd. Huwa fakkar ukoll li fil-laqgħa li inżammet mal-Ministru Karmenu ~~Vella~~ Abela, il-Kunsill kien infurmat li l-pjanti tal-proġett tal-AFM kienu ġew modifikati wara intervent tas-Sovraintendenza, li jfisser li kienu involuti.

B'żieda ma dan, il-Kunsillier Matthew Paris fakkar li l-Kunsill talab għall-iktar minn darba sabiex issir laqgħa mas-Sovraintendenza sabiex jingħata spjegazzjoni fuq il-proġett tal-AFM, izda il-Kunsill baqa;' bla risposti. Il-Kunsill qabel nem con illi la darba il-Kunsill ġie trattat hekk, għandha tinħareg stqarrija stampa. Il-Viċi SIndku Matthew Paris offri li jabbozza it-test. Il-Kunsill approva.

1.2 Il-Kunsillier Vince Borg għamel riferenza għall-materja nru 3.11 u saqsa jekk kienx hemm żviluppi.

1.2.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li kif maqbul, saret laqgħa bejn il-partijiet, fejn ġie stabbilit il-bzonn ta' ristawr ta' bibien antiki, u fejn kien konfermat li l-Kunsill jipparteċipa fir-restawr imsemmi, sa massimu ta' €450.

1.2.2 Is-Sindku ziedet tgħid li ser toffri l-assistenza tagħha lil-Kunvent, sabiex japplikaw għall-iktar fondi mill-Unjoni Ewropeja, jekk dan ikun possibli.

1.3 Il-Kunsillier Vince Borg għamel riferenza għall-materja nru 3.6 u staqsa jekk l-Awtorita' tat-Turiżmu approvatx il-proġetti imressqa mill-Kunsill.

1.3.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li intbagħtu numru ta *reminders*, iżda ma kienx hemm risposti. Għaldaqstant ser ikollha teskala il-każ sal-Ministru responsabbli.

1.4 Il-Kunsillier Vince Borg għamel riferenza għall-materja nru 4.1, u staqsa jekk kienx hemm skedar alternattiv għall-laqgħa mar-rapprezentanti tal-Gwardjani u mal-Gwardjani Lokali.

1.4.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-laqgħa kienet reġgħet ġiet posposta u issa ġiet skedata għall-Erbgħa 2 ta' Diċembru, fl-4.00pm.

1.5 Il-Kunsillier Vince Borg għamel riferenza għall-materja nru 7.4 u staqsa jekk kienux ġew ordnati l-kontenituri.

1.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-l-ordni saret, u qed jistenna li l-fornitur jinfurmah bil-ġurnata meta dawn ser jiġu imwassla l-Kunsill. Huwa żied jgħid li il-Kunsill ingħata prezz ridott minħabba l-kwantita' ordnata.

1.5.2 Il-Kunsill irrimarka li preferibilment dawn għandhom jaslu u jitwaħħlu qabel il-festi tal-Milied.

1.6 Il-Kunsillier Vince Borg għamel riferenza għall-materja nru 7.6 u irrimarka li għall-laqgħa imsemmija kien hemm preżenti huwa, u s-Sindku Davina Sammut Hili.

1.7 Il-Kunsillier Vince Borg għamel referenza għall–mozzjoni 08-01, imressqa minnu u informa li ix-xogħol imsemmi tlesta.

1.8 Il-Kunsillier Vince Borg għamel referenza għall–mozzjoni 08-05 u informa li iltaqa' ma diversi partijiet konċernati, fostom il-grupp ta' persuni li jixtieq il-proġett, kif ukoll ma kuntrattur li possibilment jagħmel ix-xogħol.

1.8.1 Huwa informa li qed jistenna stima mill-kuntrattur.

1.8.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li huwa iltaqgħa mal-Perit fuq dan il-proġett u qed jistenna disinn u speċifikazzjonijiet tax-xogħol.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Il-Sindku Davina Sammut Hili ressqet il-korrispondenza relevanti li tirigwardja ir-riżenja tas-Sur Ivan Hallett. Hija żiedet tgħid li nel frattemp fetħu u għalqu in-nominazzjonijiet. Kien hemm żewġ nominazzjonijet, dik tas-Sur Demarco u tas-Sur Holland. Hija infurmat li ser issir l-elezzjoni każwali it-Tnejn f'nofsinhar.

2.1.1 Il-Kunsillliera awguraw lill-kontestanti.

2.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minn Leon Promotion, koordinaturi tal-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, organizzat mill-Kunsill Lokali Floriana, fejn kien suġġerit li peress din is-sena hemm kompetitur inqas, jigiefieri l-ispiza naqset b'€900, u peress li din is-sena jaħbat l-għaxar anniversarju, issir attrazzjoni finali.

2.2.1 Il-Kunsillier Matthew Paris issuġġerixxa li jsir spettaklu tan-nar li jibda minn fuq Istitut Kattoliku, u jkompli sal-Floriana Football Club

2.2.2 Il-Kunsillier Matthew Paris issugerixxa ukoll esibizzjoni ta' disgħa pannelli informattivi li jagħtu informazzjoni fuq l-edizzjonijiet preċedenti, imxerdin fuq il-fosos, li jservu ukoll ta' attrazzjoni statika li wieħed jista jara sakemm jibda il-ħruq tan-nar.

2.2.3 Il-Kunsill ipprefera it-tieni prosposta, iżda qabel li għandu jiddiskuti l-attrazzjonijiet possibli mal-koordinatur tal-festival.

2.2.4 Il-Kunsill iddiskuta ukoll l-emblema tal-attivita`, u qabel li għanda tiġi aġġornata b'dehra iktar moderna.

2.3 Il-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Godwin Ellul, li offra li l-Kunsill jixtri traduzzjoni tal-ktieb ippubblikat mill-istess Kunsill, Reminescences of Childhood in Floriana, u li gie tradott mis-Sur Ellul.

2.3.1 Il-Kunsill qabel li ladarba huwa il-kunsill huwa l-pubblikatur tal-ktieb oriġinali, l-awtur tal-verżjoni maltija għadhu jintagħlab donazzjoni ta' ktieb b'risq il-librerija tal-iskola Primarja tal-Floriana, u fl-istess hin il-Kunisll jixtri kopja ta' dan il-ktieb.

2.3.2 Il-Kunsill qabel ukoll li joffri li jżomm numru ta' kotba sabiex ikun jista' jbiegħhom lill-pubbliku.

2.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lil-Kunsill li inġieb kuntatt ta' persuna minn dipartiment tal-Gvern, li huwa awtorizzat mill-entitajiet kompetenti biex jikkoordina soluzzjonijiet għall-problemi tal-ħamiem selvaġġ.

2.4.1 Il-Kunsill qabel li għandu jiffissa laqgħa rigward is-suġġett sabiex jiġi diskuss pjan ta ħidma possibli.

2.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressaq korrispondenza mill-Grupp Hidma San Publju, li offra, li bħal ma jsir kull sena, jorganizzaw flimkien mal-Kunsill, mawra ta' ġurnata f'Għawdex fejn iżuru r-raħal ta' Kercem, u postijiet oħra.

2.5.1 Il-Kunsill approva li jtella l-attivita konġuntament, bi spejjeż ta' mhux aktar minn €450, mill-fond allokat għall-attivitajiet konġunti tas-sena 2016.

2.6 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressaq korrispondenza minn Dimbros Limited, kuntrattur tal-Ġbir ta Skart Goff, li żied mal-korrispondenza li ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti. Il-kuntrattur irrimarka, li minħabba il-miżura tal-WEEE, huwa infatti qed ikollu imur jiddisponi mill-affarijiet f'żewġ siti differenti.

2.6.1 Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li, għalkemm huwa jaqbel ma dawn is-sistemi, dawn qed iwasslu għall-iktar spejjeż fuq il-Kunsilli Lokali u liema żieda fl-ispejjeż mhux qed jiġu ikkumpensati fl-allokazjoni finanzjarja tal-Kunsilli. Huwa semma kif matul iż-żminijiet, kollox jara żieda fil-prezz: fl-operattiv, fil-pagi, fil-kuntratti, etc,

2.6.2 Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li l-Kunsilliera ġew eletti biex jamministraw, iżda effetivament, ma jistaw jamministraw xejn, minħabba li ma jsibux fondi biex jaħdmu.

2.6.3 Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Kuntrattur evidenza li jissostanzja dak li rrimarka, u sussegwentament, jiddiskuti.

2.7 Il-Sindku Davina Sammut Hili ressqet suġġeriment rigward twaħħil ta' kontenituri ta l-iskart. Is-suġġerimenti mir-residenti kienu li jitwaħħlu kontenituri qrib l-ewwl stage ta' Triq Sarrija , u ieħor ħdejn l-entratura ta' Ġnien l-Argotti. Talba simili saret mill-Pulija, u z-zona ndikata kienet Triq F.X Fenech, quddiem il-klinika

2.7.1 Il-Kunsill qabel li għandhom jinxtraw u jitwaħħlu il-kontenituri fiż-żoni imsemmija.

2.8 Il-Sindku DSH Davina Sammut Hili ressqet suġġeriment sabiex titpoġġa cat caffee ħdejn Montgomery House.

2.8.1 Il-Kunsill qabel li jevalwa il-possibilta minħabba li hemm bżonn jiġi identifikat sit adekwat, la darba ser ikun hemm bzonn t'aċċess.

2.8.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li qed għadu qed jaħdem fuq il-kwotazzjonijiet. Huwa informa li peress li ma rċevix risposti bl-e-mail, qed ikollu idur il-fornituri personalment.

2.8.3 Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka sabiex jiġu avviċinati l-Annimal Guardians għall-assistenza.

**NB – 5.44pm Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skużat mill-laqgħa**

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

**NB – 5.45pm Il-Kunsillier Matthew Paris ingħaqad fil-laqgħa**

3.1 Il-Kunsillier Matthew Paris saqsa lis-Sindku jekk jistax isir xi intervent sabiex tiġi trattata il-problema ta' ġrieden li joħorgu mill-ispralli tal-ilma tax-xita. Huwa irrimarka li kien hemm diversi każijiet li ġew irrapurtati minn residenti.

3.1.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal ukoll li dan jiġi minn nuqqas ta' ndafa, bħal eżempju is-subways u il-loġoġ ta Sant'Anna.

3.1.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili irrimarkat li fuq dan il-punt tal-aħħar kienet ttkellmet mas-Sur Deguara, Direttur fid-Direttorat tat-tindif, fejn ikkonferma li l-loġoġ u is-subways kienu jinħaslu tlett darbiet fil-ġimgħa fil-ħinijiet ta' bil-lejl. Huwa infurmaħha wkoll li jsiru anke *spot checks* fuq ix-xogħol li jkun qed isir.

3.1.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili żiedet tgħid li fil-każ taż-żona imsemmija, il-kwistjoni mhijiex ta' ndafa, imma bżonn ta' manutenzjoni, u rinovazzjoni.

3.1.4 Is-Sindku infurmat ukoll li dawn il-punti ser jiġu diskussi mal-Ministru Joe Mizzi meta l-Kunsill jingħata appuntament għall-laqgħa.

3.1.5 Il-Kunsillier Vince Borg kompla billi qal, li fir-rigward ta l-ispralli, hemm uħud, bħal dak ta hdejn il-UĦM li mhuwiex ileħħaq mal-ilma, possibilment għax mhuwiex nadif. Il-Kunsillier James Aaron Ellul żied li n-nuqqas ta tindif jidher fl-ispralli ta' Triq San Tumas u ta' Triq is-Suq.

3.1.6 Il-Kunsillier Vince Borg talab għaldaqstant li sabiex jitqabbad kuntrattur biex jagħmel dan ix-xogħol.

3.1.7 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dan ix-xogħol jifforma parti mil-obbligi tal-kuntrattur WM Environmental Ltd, fil-kuntratt ta' knis u tindif ta' toroq, u għaldaqstant, il-Kunsill m'għandux iħallas għall-servizzi addizzjonali la darba dawn qed iħallas għalihom diġa.

3.1.8 Il-Kunsill qabel, li għandu jitlob lil-kuntrattur inaddafom fi żmien tlett ijiem, u jekk dan ma jseħħx, il-Kunsill għandu jqabbad kuntrattur ieħor, u l-ispejjez jitnaqqsu mill-ħlas tas-servizzi ta' knis u tindif ta' toroq ta' WM Environmental Ltd.

3.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku jekk jistax isir intervent fi Triq San Tamus, minħabba li hemm il-bankina baxxa, u fil-ġranet tax-xita, l-ilma qed jidħol ġol-kantina ta' negozju partikolari.

3.2.1 Il-Kunsillier Vince Borg, irrimarka li sid l-istess n-negozju kienet sarlu kanal taħt il-bankin, iżda li ma tax ir-rizultat mixtieq, u anke waqaw xi nies fih.

3.2.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lill-Kunsillier Borg sabiex jieħu ħsieb jindirizza din il-materja.

3.3 Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku jekk tistax issir pressjoni fuq l-Awtorita tax-Xandir, minħabba għalkemm mitlub biex tirretifika, baqgħet issejjaħ il-Floriana, bħala Furjana.

3.3.1 Is-Sindku irrimarkat li korrispondenza fuq din il-materja diġa intbagħatet fil-passat qarib, iżda waqet fuq widnejn torox. Għaldaqstant irrimarkat li hemm bzonn terġa tintbagħat korrispondenza simili. Il-Kunsill qabel.

3.4 Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku jekk kienetx saret konsultazjoni mar-residenti tal-akwati ta' Triq Vincenzo Dimech, rigward it-tneħħija tal-bring-in site.

3.4.1 Is-Sindku irrimarkat li konsultazzjoni ma saritx, u ma tħossx li kellha issir, u dan minħabba li din tneħħiet fuq deċizjoni maqbula fil-Kunsill. Hija fakkret ukoll li dan il-pass sar wara numra ta' lmenti minn-residenti ta dik iż-żona stess u fuq, kif ukoll fuq suġġeriment tal-kuntrattur relevanti.

3.4.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa jekk hux ser titneħħa l-iskip tal-iskart mill-istess żona.

3.4.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili li din mhux ser titneħħa imma fakkret li din qegħda hemm għall-użu esklussiv tal-għaqdiet u s-sezzjoni kummerjali tagħhom fejn relevanti, li hemm f'dik iż-żona.

3.5 Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku dwar jekk kienx hemm xi żviluppi fir-rigward tal-arblu u tal-kamera tas-sigurta li kien hemm quddiem Bieb il-Bombi, u dan wara li għalkemm saret it-talba sabiex tittieħed azzjoni, baqa' ma sar xejn.

3.5.1 Is-Sindku wieġbet fin-negattiv, u għaldaqstant il-kunsill qabel li jerġa isir kuntatt.

3.6 Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku dwar jekk kienx hemm xi żviluppi fir-rigward tal-fanali ornamentali ta' fuq il-fosos.

3.6.1 Is-Sindku wieġbet li għadna qed nistennew mill-Enemalta.

3.7 Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa lis-Sindku dwar jekk kienx hemm xi risposta minn naħa ta Transport Malta fir-rigward tat-talba sabiex is-servizz tal-Park and Ride ikollu waqfa fil-Floriana.

3.7.1 Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill għadu ma rċeviex risposta, u ser terġa tfakkar lis-Sur James Piscopo fuq din it-talba.

## <u>4.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati</u>

4.1 Ma kienx hemm rapporti u minuti tal-Kumitati / Sottokumitati.

## <u>5.0 Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill</u>

5.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul informa li qed isiru numru ta aġġornamenti spissi fuq is-sit soċjali Facebook tal-Kunsill sabiex tiżdied il-komunikazzjoni.

5.1.1 Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li x-xogħol li qed isir huwa wieħed tajjeb fuq dan l-aspett, u is-sit soċjali qed ikun attiv ħafna

## <u>6.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji</u>

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 07/07, li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

6.1.1 Il-Kunsillier Jamees Aaron Ellul astjena minn pagament ta' Malta Mill-Ajru.

6.1.2 Il-Kunsillier Matthew Paris astjena mill-pagamenti ta' JF Security.

6.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Matthew Paris ~~Borg~~ u ssekondat mill-Vince Borg , ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bħala ċekk nru 13079 sa 13136, u 201 sa 207, bir-rizultat:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, JAE)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

6.3 Għaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet giet approvata u ġiet iffirmata mill-Viċi Sindku, minn żewġ kunsillieri u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

6.4 Il-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li minn stima preliminary, ix-xogħol fi Trejqet il-Fosos sabiex issir it-triq isirilha materja biex ma tiżloqx, ser jiswa madwar €3,000. Il-Kunsill qabel nem con li dan ix-xogħol għandu jsir.

## 7.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

Mozzjoni 09/01: Sabiex f'Jum il-Floriana jintrammaw il-posters li mhux jintużaw tal-personaġġi Furjanizi fi Triq Sant'Anna. Hija ħasra li dawn saru biex intużaw darba u issa mhux jintużaw. Naraw il-possibilta' jekk mhux possibli li jkunu fi Triq Sant Anna (l-biċċa tal-bini) jew bejn il-Bombi u Pjazza Sant'Anna, ovvjament naraw sew fejn l-aħjar dawn issiru biex nibqgħu ngħatu gieh il-Furjanizi li għamlu l-isem lil-lokalita' tagħna.

Proponent: James Aaron Ellul
Datata: 18 ta' Novembru 2015

Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel korrezzjoni fuq il-mozzjoni, fejn talab li jitneħħa il-kliem "jew bejn il-Bombi u Pjazza Sant'Anna"

Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li huwa ikkonferma ma Grupp Hidma San Publju, li l-arbli magħzula fil-laqgħa preċendenti jistaw jintuzaw mill-Kunsill, kif ukoll li huma lesti li jarmawhom mingħajr ħlas

Il-Kunsillier Matthew Paris, issekonda il-mozzjoni.

Ittiehed vot, bir-rizultat ikun
Favur: 4 (JAE, MP, DSH, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

**Is-Sindku ressqet mozzjoni sabiex tinbidel l-ordni tax-xogħol tal-Agenda, u tiġi diskussa materja Numru 9, qabel Numru 8. Il-Kunsill qabel nem con**

## 8.0 Rapport Finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena

**NB. Din il-materja ġiet diskussa wara materja numru 9 tal-Agenda.**

8.1 Is-Sindku talbet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jagħti spjegazzjoni qasira tar-rapport finanzjarju.

8.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv inform li f'dan il-kwart, il-Kunsill kellu surplus ta' madwar €10,000.

8.1.2 Huwa informa li kien hemm tnaqqis fid-dħul minn dak proġettat, minħabba li għad hemm spejjeż ta' fondi, bħal dawk li jaqgħu taħt skemi, liema fondi għadhom ma ġewx rimborsati.

8.1.3 Huwa informa ukoll li fl-istess waqt, trażżnet ftit in-nefqa fuq proġetti, tnaqqset l-ispiża rikorrenti u kien hemm tnaqqis fl-ispiża tas-salarji.

8.1.4 Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li la darba kien hemm surplus, il-Kunsill jista jaħseb sabiex iwettaq xi progetti.

8.1.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li din is-sena ser ikunu saru xi proġetti bħat-tkomplijja tal-bankini fi Triq Il-Konservatorju, rinovazzjoni fit-latrini ta' ħdejn Bieb il-Bombi, ser isir il-proġett ta' kontra ż-żlieq fi Triq il-Fosos, xogħol madwar il-polverista, kif ukoll ser ikun hemm manutenzjoni fil-pavimentar ta' Triq Pietro Floriani. Huwa żied ukoll li madankollu, kif qal il-Kunsillier Matthew Paris stess, il-finanzi huma dawk li huma, u li mhumiex biżżejjed sabiex wieħed jagħmel proġetti oħra.

8.2 Wara l-ispjegazzjoni tar-rapport, il-Kunsillier Matthew Paris ressaq mozzjoni favur l-approvazjoni tar-rapport finanzjarju, issekondata mill-Kunsillier Vince Borg, ittieħed vot, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, JAE)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

Għaldaqstant ir-rapport finanzjarju ġie iffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv

## 9.0 Aġġudikazzjoni ta Offerti

**NB. Din il-materja giet diskussa qabel materja numru 8**

9.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lill-membri tal-Kunsill li proprju dak inhar infethu l-il-kaxxi tal-offerti, bl-offerti ikunu ta Provvediment ta Polza tal-Assikurazzjoni u dik ta' Asfaltar u manutenzjoni ta toroq u bankini.

9.1.1 Is-Sindku infurmat li kien hemm sottomissjoni waħda għall-Provvediment ta' Polza tal-Assikurazjoni, liema offerta kienet konformi mar-rekwiżiti kollha, sottomessa minn Island Insurance Brokers. Hija infurmat li l-offerta sottomessa kienet ftit iktar gholja minn dik eżistenti, minħabba li kien hemm assikurazzjoni fuq iktar assi.

9.1.2 Il-Kunsillier Matthew Paris ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier James aaron Ellul, sabiex tintagħżel l-unika offerta sottomessa u konformi mar-rekwiżiti mitluba, dik ta' Island Insurance Brokers. Ittieħed vot, bir-

rizultat ikun:

Favur: 4 (MP, JAE, DSH, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

9.1.3 Is-Sindku infurmat li kien hemm sottomissjoni waħda għall-offerta ta' Asfaltar u Manutenzjoni ta Toroq u Bankini, liema offerta kienet konformi mar-rekwiziti kollha, u kienet sottomessa minn Road Servicing Ltd.

9.1.4 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier Vince Borg, sabiex tintagħazel l-unika offerta sottomessa u konformi mar-rekwiżiti mitluba, dik ta' Road Servicing Ltd,. Ittieħed vot, br-rizultat ikun:

Favur: 4 (JAE, VB, DSH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

9.2 Is-Sindku ressqet abbozz ta dokument ta kwotazzjoni għall-Xiri ta' *Second Hand Small Cargo Van.* Hija irrimarkat, li primarjament riedet tagħmilha ċara li tinsagħab diżappuntata, kif, entita' partikolari li kienet offriet li tagħti sponsorship għall-vettura, baqgħet ma kkonkludietx il-ftehim. Hija irrimarkat li din il-kumpnaija, li topera mill-Floriana, wegħdet il-vettura pubblikament waqt attivita' annwali tal-Kunsill u dak inhar preżentat envelop vojt. Is-Sindku irrimarkat li waqt l-istess attivita annwali tal-Kunsill li jmiss ser terġa issemmi dan il-każ sabiex dawk li annwalment ikunu preżenti, ikunu infurmati.

9.2.1 Il-Kunsill approva d-dokument tal-kwotazzjoni għall-xiri ta *Second Hand Small Cargo Van*

## 10.0 Kampanja "Qalb Furjaniza, Qalb Hanina"

10.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ppreżenta d-disinn propost tal-kampanja, li intoġħġob mill-Kunsill. Huwa fakkar li dawn l-*istationary* ser jiġu sponsorjati mill-kumpanija Copyserve.

10.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li din is-sena, għalkemm qed isir programm tal-attivita, hija l-ewwel edizzjoni, u għaldaqsant ser tkun biss il-pediment għal-attivita li mistennija tikber matul is-snin li ġejjin. Din is-sena ser tieħu spinta hekk kif jiġi mniedi il-fimat meħud.

10.3 Il-Kunsillier James Aaron Ellul informa li diġa hemm għaqdiet li ser jipaprteċipaw, bħan-nursery, u tal-Basketball. Il-Kunsillier James Aaron Ellul talab li kull kunsillier jagħti is-sehem tiegħhu sabiex jiġu avviċinati, għaqdiet, partikolarment f'każi fejn wieħed jinsagħab involut, jew teżisti relazzjoni tajba.

10.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili żiedet tgħid li hi xtaqet li tiġi introdotta attivita oħra, dik ta tqassim ta' rigali minn *Father Christmas.* Preżentament qed issir riċerka fuq min jista jgħin f'din l-attivita' sabiex ikun jista jsir it-tqassim.

## 11.0 Traffiku u parkeġġ

11.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul informa li saru żviluppi fejn jidhlu il-tabelli tal-lokalita'. Saret diskussjoni mal-fornitur approvat mil-HSBC, u sar qbil li jintuża l-istess disinn, iżda jiżdiedu numru ta' tabelli, kif ukoll jigu imcaqilqa tabelli eżistenti. Huwa Informa li ser isiru il-Kliem "Merħba" u "Saħħa" fejn huwa relevanti.

11.2 Il-Kunsill iddiskuta li l-i*stop signs* ta' Triq il-Kauccini ta ta Pjazza Robert Sammut iċċaraw u hemm bzonn li issirilom manutenzjoni.

11.3 Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li ċertu sinjali spiċċaw minhabba l-elementi tan-natura. Saret referenza għall dawk ukoll tal-Heritage Trail. Il-Kunsill qabel li għandu isir eżerċizzju ta' manutenzjoni fuq dawn is-sinjali. Il-Kunsill iddiskuta ukoll il-possiblta li jsiru disinni ġodda, partikolarment fejn jidħlu l-pedestalli tal-pannelli informattivi.

11.4 Il-Kunsill iddiskuta ukoll l-istat ta' Triq San Franġisk, li il-kundizzjoni tagħha qed tmur għall-agħar u allura ser ikolla bżonn ta' wiċċ ġdid t' asfaltar f'ċertu partijiet. Il-Kunsill innota li ħsara fit-toroq partikolarment issir ħabba l-manutenzjoni fuq is-servizzi tal-ilma.

11.5 Il-Kunsillier Vince Borg staqsa jekk kienx hemm azzjoni da parti tal-kunsill fir-rigward tal-parkeġġi riservati lill-isptar Sir Paul Boffa, għall-użu tal-pazjenti li jkunu qed jieħdu il-kemoterapija. Huwa qal li darba l-amministrazzjoni tal-isptar ikkonfermat li il-kemoterapija m'għadiex tingħata minn istess sptar, dawn għandhom jitnehhew.

11.5.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat komunikazzjoni lil-Onor Ministru Joe mizzi u lis-CEO ta' Transport Malta s-Sur James Piscopo dwar din il-materja, fejn għandhu jiġi indikat ix-xewqa tal-Kunsill li dawn l-ispazju għandom jerġghu jiġu pubbliċi.

## 12.0 Ġonna u soft areas

12.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li hemm numru ta' fanali fil-ġonna Sir Luigi Preziosi u ċ-Ċentru Rikreattiv Re Gorġ V li ma jixgħelux.

12.1.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li hemm xi fanali li għandhom bżonn bdil ta' xi partijiet, u li l-Kunsill qed jistenna lill-Kuntrattur Anton Zarb sabiex jiġi jibdel dawn il-partijiet.

12.1.2 Nelfrattemp, ser jintbagħat ukoll il-ħaddiem manwali tal-Kunsill sabiex jivverika jekk hemmx xi fanali oħra li għandom bżonn il-manutenzjoni.

## 13.0 St Patrick's Day

13.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lill-Kunsilliera li is-Sur Kenny Ronberts, Is-Sur Julian Holland, Is-Sur Jermain Brincat u s-Sur Chris Brincat ikkonfermaw l-interess tagħhom sabiex jiffurmaw parti mill-Kumitat Organizzattiv tal-attivita' ta' Saint Patrick's Day.

13.2 Il-Kunsillier Matthew Paris issuġġerixxa li s-Sur Kenny Roberts jinħatar bħala s-Segretarju tal-Kumitat Organizzat. Il-Kunsill qabel.

13.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet li ġaladarba is-Sur Ivan Hallett irriżenja mill-kariga ta' Kunsillier, u li kellu fir-responsabilta tiegħu l-attivita ta' Saint Patricks Day, din għandha taddi f'idejn il-Kunsillier Matthew Paris. Il-Kunsillier Matthew Paris laqgħa l-istendina.

## 14.0 Aġġornament tal-laqgħa

14.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-15 ta' Diċembru 2015 fil-5pm.

Il-laqgħa ntemmet fit-7.30pm.

Davina Sammut Hili
Sindku

Svetlick J. Flores
Agent Segretarju Eżekuttiv